MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 733/2017 LM

**Carmel u Josephine Mary konjugi Borg**

***vs.***

**Dr Jeanette Laferla Saliba fil-kwalità tagħha bħala esekutriċi testamentarja ta' Karmni sive Karmena Fenech, u l-Avukat Dr Michelle Tabone, Ekonomu tal-Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekkleżjastiċi ta' Malta għan-nom u fl-interess tad-[1]Dar tal-Provvidenza għall-Persuni b'Diżabilità tas-Siġġiewi, u**

**Reġistratur tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fl-10 t'Awwissu, 2017 mill-atturi **Carmel u Josephine Mary konjugi Borg** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), li jgħid kif ġej:

---

[1] Żieda awtorizzata b'digriet mogħti fl-1 ta' Marzu, 2018.

*Illi l-esponenti kienu inizjaw proċeduri fl-ismijiet* ***Carmel Borg et vs Dr. Jeanette Laferla Saliba et*** *fejn kien intalab li jiġi likwidat favur tagħhom serviġi peress illi huma daru b'Carmelina Fenech qabel mietet.*

*Illi din il-kawża li kellha ċitazzjoni numru 1030/06 TA u ġiet deċiża fis-7 ta' Lulju 2017.*

*Illi però fil-frattemp l-esponenti saru jafu illi wara s-sentenza li ngħatat f'din il-kawża ġiet intaxxata.*

*Illi huwa evidenti li din it-taxxa nħadmet ad valorem (Dok. A).*

*Illi però l-kawża kienet talba da liquidarsi u t-talba attriċi ġiet miċħuda. Imkien fil-kawża ma tissemma l-pretensjoni attriċi.*

*Illi konsegwentement it-taxxa relattiva għal din il-kawża kellha tinħadem fuq punt ta' liġi u mhux ad valorem.*

*Illi l-Artikolu 4 (f) (3) tal-Iskeda A tal-Kap. 12 jgħid hekk:*

> *"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet fir-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qorti jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-Reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ."*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna, a tenur tal-Artikolu 64(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li titħassar it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti wara s-sentenza fl-ismijiet* ***Carmel Borg et vs Dr. Jeanette Laferla Saliba et*** *(ċitazzjoni numru 1030/06 TA) deċiża fis-7 ta' Lulju, 2017.*

2. *Tordna lill-istess Reġistratur sabiex jerġa' jintaxxa l-kawża skont kif dirett minn din l-Onorabbli Qorti,*

*u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-Risposta tar-**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** (minn issa 'l quddiem "ir-Reġistratur konvenut"), li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Settembru, 2017, li biha eċċepixxa:

1. *Illi din hija kawża ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 intavolata mill-atturi tal-kawża bin-numru 1030/06 TA fl-ismijiet **Carmel Borg et vs Dr Jeanette Laferla Saliba et** li ġiet deċiża fis-7 ta' Lulju, 2017.*

2. *Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia minħabba dawn ir-raġunijiet:*

   A. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża in meritu kienu fost oħrajn jirrigwardaw talba għal kumpens għas-serviġi u rifużjoni tal-ispejjeż li huma nkorrew, il-likwidazzjoni tal-istess serviġi u spejjeż u l-kundanna għall-ħlas ta' tali serviġi u spejjeż inkorsi;*

   B. *Illi jingħad ukoll illi 'f'kawża fejn tiġi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli għal danni sofferti mill-attur, li għandhom jiġu likwidati fl-istess kawża jew f'ġudizzju separat, illi t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mit-talba jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid li, meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni 'ad valorem', u mhux bħala sempliċi artikolu jew dikjarazzjoni'. (**Carmelo Axiaq vs Av. Dr Giuseppe Vella noe et,** Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951).*

   C. *Illi t-talbiet mertu tal-kawża odjerna jagħmlu tali kawżi taxxabbli ad valorem skont il-Para. 3 tat-Tariffa A u l-Para. 14 tat-Tariffa E annessi mal-Kap. 12.*

   D. *Illi kif ġa ngħad la darba kien hemm it-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' serviġi u spejjeż inkorsi, l-esponent ħadem it-taxxa skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tgħid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur **determinat jew determinabbli** skont il-liġi jew **mill-proċess** (enfasizzar tal-esponenti), id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit". Fil-fatt hekk sar f'dan il-każ u t-taxxa nħadmet ad valorem fuq valur ta' €50,0000 peress li kien ir-rikorrenti stess fin-nota ta' osservazzjonijiet*

*tiegħu a fol. 146 tal-proċess li kkwantifika l-kumpens li qed jippretendi bil-kawża fl-ammont ta' €50,000.*

E. *Illi r-rikorrent, iġib l-argument ukoll, illi din il-kawża kellha tiġi ntaxxata bħala punt ta' liġi stante li t-talbiet attriċi ġew miċħuda. Bil-qima jingħad li dan l-argument ma jreġix peress li t-taxxa tinħadem skont it-talbiet magħmula fir-rikors ġuramentat u dan indipendentement minn jekk it-talbiet ta' min jippreżenta l-kawża jiġux milqugħa jew le. Il-ġurisprudenza nostrana hija ċara in rigward u tgħid illi "t-tassazzjoni tal-kawżi għandha tiġi regolata mid-domanda jew talba" (**Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002).***

F. *Illi dan kollu jwassal għall-konklużjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promutur tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

3. *Illi għalhekk huwa ċar illi t-taxxa de quo hija maħduma korrettement u hija valida għaliex ġiet emessa skont il-liġi u kwindi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-Risposta ta' **Dr Jeanette Laferla Saliba** (ID numru 586652M) fil-kwalità tagħha bħala esekutriċi testamentarja ta' Karmni sive Karmena Fenech (minn issa 'l quddiem "l-esekutriċi konvenuta"), ippreżentata fl-20 ta' Frar, 2018, li biha eċċepiet illi:

1) *Illi permezz ta' rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu, 2017, ir-rikorrenti talbu ritassa wara t-tassazzjoni tal-kawża fl-ismijiet '**Carmel Borg et vs Dr Jeanette Laferla Saliba et**' (Ċitazzjoni Numru 103/06 TA) li ġiet deċiża fis-7 ta' Lulju, 2017, liema sentenza għaddiet in ġudikat, u kopja informi tal-istess sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "A";*

2) *Illi għandu jingħad illi, is-sentenza fuq indikata kienet ċara fis-sens illi, filwaqt li t-talbiet attriċi ġew miċħuda, ġie deċiż illi 'kull parti tissaporti l-ispejjeż tagħha tal-kawża.' Konsegwentement, għandu jingħad illi r-rikorrenti semmai għandhom ibatu biss l-ispejjeż tagħhom stess in konnessjoni ma' din il-kawża u mhux l-ispejjeż tal-partijiet l-oħra, inkluż dawk tal-esponenti;*

3) *Illi safejn jidhrilha l-intimata, it-taxxa ġiet ikkalkolata korrettament mir-Reġistratur tal-Qorti u fi kwalunkwe każ, l-Artiklu 4(f)(3) tal-Iskeda A tal-Kap*

*12 ma japplikax għall-każ in eżami peress illi l-Qorti ma llikwidat ebda ammont bħala l-valur tal-kawża wara s-sentenza finali. Minkejja dan, semmai kien jispetta lir-rikorrenti illi jindikaw il-valur tal-pretensjoni tagħhom meta intavolaw il-kawża, u dana kif ipprovdut fl-Artikolu 4(1)(f) tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4) *Illi r-rikorrenti għandhom jippruvaw dak allegat minnhom fir-rikors tagħhom;*

5) *Illi f'kull każ, l-esponenti m'għandhiex tbati spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, inklużi dawk l-ispejjeż żejda li setgħu ġew inkorsi minħabba illi dan ir-rikors jidher illi tqies bħala rikors ġuramentat;*

6) *Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti fil-kwalità tagħha premessa, filwaqt illi tirriserva d-dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi, titlob illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat ir-Risposta ta' **Dr Michelle Tabone** (ID numru 138371M) **Ekonomu tal-Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekkleżjastiċi ta' Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza għall-Persuni b'Diżabilità tas-Siġġiewi** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Dar tal-Provvidenza"), ippreżentata fis-26 ta' Marzu, 2018, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-ewwelnett, il-kawża odjerna hija waħda intentata sabiex tattakka It-taxxa uffiċjali maħruġa skont il-liġi relattivament għall-kawża numru 1030/2006 TA, fl-ismijiet '**Carmel Borg et vs Dr. Jeanette Laferla Saliba et**', deċiża fis-7 ta' Lulju, 2017 u għalhekk l-oneru tal-prova ta' dak sostnut mir-rikorrenti huwa fuq l-istess rikorrenti;*

2. *Illi subordinament u mingħajr ebda preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li huma bażati fuq ebda pretensjoni legali;*

3. *Illi subordinament u mingħajr ebda preġudizzju, il-kawża li t-taxxa tagħha qed tiġi attakkata, kienet waħda għall-ħlas ta' serviġi, li proprju fit-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti stess intalab kumpens u likwidazzjoni tal-istess, rispettivament;*

4. *Illi subordinament, u mingħajr ebda preġudizzju, l-Artikolu 14 tat-Tariffa E u l-Artikolu 3 tat-Tariffa A, tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddikjaraw illi f'każijiet bħal dik riskontrata fil-kawża numru 1030/2006 TA, it-taxxa uffiċjali għandha titħaddem ad valorem;*

5. *Illi subordinament u mingħajr ebda preġudizzju, l-artikolu 14 preċedentement imsemmi, espliċitament jiddikjara illi t-taxxa uffiċjali titħaddem ad valorem meta kawża jkollha 'x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess,' u għalhekk fl-umli sottomissjoni tal-esponenti nomine, dan l-artikolu jsib applikazzjoni peress illi kienu r-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom a fol. 146 tal-proċess tal-kawża numru 1030/2006 TA, li ddikjaraw li l-kumpens minnhom pretiż huwa fis-somma ta' €50,000;*

6. *Illi subordinament u mingħajr ebda preġudizzju, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti ma huwa ta' ebda rilevanza illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża numru 1030/2006 TA ma ġewx milqugħa, għall-fini ta' tħaddim ta' Taxxa Uffiċjali. Hija prassi kostanti kemm fil-liġijiet tal-pajjiż u anki fil-ġurisprudenza, illi l-ħdim ta' Taxxa Uffiċjali hija bbażata fuq il-kawżali u t-talbiet maħlufa fir-Rikors Ġuramentat u mhux mir-riżultanzi tal-kawża;*

7. *Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, kontrarjament għal dak premess mir-rikorrenti, l-artikolu 4(f)(3) tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsib ebda applikazzjoni fil-konfront tal-ħdim tat-Taxxa Uffiċjali tal-kawża numru 1030/2006 TA u dan joħroġ minn qari sempliċi tas-sezzjoni tal-liġi stess;*

8. *Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti nomine m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-proċedura odjerna, stante illi hija ma kinitx involuta fir-redazzjoni tat-Taxxa Uffiċjali annessa bħala Dok. A mar-Rikors Promutur;*

*Għaldaqstant, stante li t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji u huma infondati fil-fatt u fid-dritt minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna hija kawża ta' ritassa li l-atturi intavolaw wara li ġiet deċiża l-kawża fl-ismijiet **Carmel Borg et *vs.* Dr Jeanette Laferla Saliba et** (Rikors Maħluf Nru 1030/2006 TA) b'sentenza tas-7 ta' Lulju, 2017, f'liema kawża l-atturi kienu talbu l-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta' serviġi u spejjeż li huma inkorrew wara li daru b'Carmelina Fenech qabel din mietet. Jirriżulta li Carmelina Fenech kienet istitwiet legati favur is-soċjetà tal-MUSEUM u favur id-Dar tal-Provvidenza, u ma ħalliet ebda eredi skont il-liġi, iżda minflok istitwiet lin-nutar Laferla Saliba bħala eżekutur testamentarju tagħha sabiex tieħu ħsieb tiddisponi mill-beni tat-testatriċi skont ix-xewqat tagħha wara mewtha. Il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha qieset li la Dr Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof u lanqas Dr Laferla Saliba bħala eżekutriċi testamentarja mhumiex leġittimi kontradittturi f'kawża fejn qiegħed jintalab il-ħlas ta' serviġi u dan stante li l-konvenuti ma jistgħux jitqiesu bħala eredi skont il-liġi.

L-atturi in vista ta' din id-deċiżjoni, dehrilhom li l-kawża inkwistjoni kellha tiġi intaxxata fuq punt ta' liġi u mhux *ad valorem,* u dan minħabba li l-Qorti fid-deċiżjoni tagħha ma kkunsidratx jekk huma għandhomx jedd jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' serviġi jew le, iżda minflok tat deċiżjoni fuq punt ta'

liġi, sabiex finalment ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi. Konsegwenza ta' dan l-atturi sostnew li t-taxxa inkwistjoni ma kellhiex tinħadem *ad valorem.*

Il-konvenuti ma jqablux ma' dan u eċċepew illi l-atturi kienu speċifiċi fl-ammont li ppretendew li jiġi likwidat favur tagħhom fil-kawża ewlenija miftuħa minnhom, tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minnhom sostnew li kienu qegħdin jippretendu l-ħlas ta' €50,000 bħala kumpens għas-serviġi pprestati minnhom. Hu għalhekk, argumentaw il-konvenuti, li t-talbiet tal-atturi fil-kawża odjerna huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u dana stante li mid-dispost tal-liġi joħroġ ċar li kawża għandha tiġi intaxxata fuq it-talbiet li jsiru fir-rikors promutur u mhux fuq l-eżitu tagħha. L-argument tal-konvenuti huwa li ladarba jirriżulta mit-talbiet fir-rikors promutur, li l-atturi kienu qegħdin jippretendu li jiġi likwidat kumpens favur tagħhom, dan il-fattur waħdu jitqies li hu biżżejjed biex it-taxxa tinħadem fuq il-valur pretiż mill-atturi, u hu għalkollox immaterjali li l-Qorti ddeċidiet li l-ebda kumpens m'għandu jitħallas lilhom mill-konvenuti indikati minnhom. Il-konvenuti argumentaw li għalhekk it-taxxa nħadmet b'mod korrett, ai termini tal-artikolu 14 tat-Tariffa E u l-artikolu 3 tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-rikors promutur l-atturi esebew kopja uffiċjali tat-taxxa fir-rigward tal-kawża Rikors Maħluf Nru 1030/2006 TA, fl-ismijiet **Carmel Borg et v*s.* Dr Jeanette Laferla Saliba et**, minn fejn jirriżulta li d-drittijiet u spejjeż dovuti mill-atturi huma fis-somma ta' €3,352.10, id-drittijiet u spejjeż dovuta

mill-konvenuta Dar tal-Provvidenza huma fis-somma ta' €1,889.18, filwaqt li d-drittijiet u spejjeż dovuta mill-esekutriċi konvenuta huma fis-somma ta' €2,666.03, u dan in vista tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Qorti kienet li kull parti għandha tissoporta l-ispejjeż tagħha.

L-esekutriċi konvenuta ppreżentat kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti fl-ismijiet **Carmel u Josephine Mary konjugi Borg vs. Dr Jeanette Laferla Saliba fil-kwalità tagħha bħala esekutriċi testamentarja ta' Karmni sive Karmena Fenech, u l-Avukat Dr Michelle Tabone, Ekonomu tal-Arċisqof ta' Malta Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekkleżjastiċi ta' Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza**, mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2017.[2]

Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2018 xehed **Emanuel Sciriha**, Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali[3], li qal li t-taxxa fir-rigward tal-kawża inkwistjoni, li kienet tittratta talba għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' serviġi, inħadmet fuq l-ammont ta' ħamsin elf Euro (€50,000), liema ammont ġie indikat mill-atturi stess fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom.

## Konsiderazzjonijiet legali

F'din il-kawża ta' ritassa, il-Qorti qiegħda tintalab tiddeċiedi dwar liema waħda mit-Tariffi stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tiġi applikata, u dan wara li l-atturi ma qablux mat-taxxa ġudizzjarja li ġiet rilaxxata in segwitu għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7

[2] *A fol.* 38 tal-proċess.
[3] *A fol.* 47 tal-proċess.

ta' Lulju, 2017, fl-ismijiet **Carmel Borg et *vs.* Dr Jeanette Laferla Saliba et** (Rikors Maħluf Numru 1030/2006 TA). Dwar in-natura tat-talba tal-atturi f'kawża ta' ritassa bħalma hija l-proċedura odjerna, intqal hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Speranza Gatt et *vs.* Dr Albert Libreri et**[4]:

> "... il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew digriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji mhijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Lewis Borg *vs.* Avukat Dr Giuseppe V. Salamone**[5], il-Qorti irritjeniet illi f'kawża ta' ritassa,

> **"...** lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi għat-taxxi magħmula mir-Reġistratur, meta tiġi mpunjata l-attendibilità jew il-korrettezza tagħhom minn min ikollu interess."

L-argument tal-atturi fil-kawża odjerna huwa li ladarba d-deċiżjoni tal-Qorti kienet limitata sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuni li kontrihom saret il-kawża humiex leġittimi kontraditturi jew le, u ma ngħatat l-ebda deċiżjoni dwar il-pretensjoni tagħhom u kwindi ma ġie likwidat l-ebda ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lilhom, it-taxxa m'għandhiex tinħadem *ad valorem.* In sostenn ta' dan l-atturi jiċċitaw dak li jipprovdi l-artikolu 4(f)(3) tat-Tariffa A li japplika meta,

---

[4] P.A., 18.02.2010.
[5] P.A., 23.02.1960.

> "... fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti ..."

Madanakollu l-konvenuti argumentaw li t-talbiet tal-atturi kienu ċari meta talbu lill-Qorti tillikwida l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lilhom in vista tas-serviġi li huma jgħidu li pprestaw lid-defunta Carmelina Fenech tul is-snin, u għalhekk għandu japplika l-artikolu 3 tat-Tariffa A, li japplika meta jkun ġie ppreżentat rikors li jitlob deċiżjoni mill-Qorti, meta d-dritt tar-Reġistru jkun jista' jiġi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu. Il-konvenuti ċċitaw ukoll l-artikolu 14 tat-Tariffa E li huma jsostnu li japplika għas-sitwazzjoni odjerna, liema artiklu jistabbilixxi illi,

> "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew **mill-proċess**[6], id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."

Il-Qorti tqis li l-artikolu 4(f)(3) tat-Tariffa A ma japplikax għall-kawża odjerna, u dan minħabba li f'dan il-każ ġie ddikjarat mill-atturi stess li l-pretensjoni tagħhom kienet għas-somma ta' €50,000[7], u għalhekk mhux il-każ li jingħad illi l-valur ma ġiex iddikjarat jew determinat mill-partijiet fil-kawża.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis u Rita konjugi Saliba *vs.* Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et**[8], intqal hekk fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 14 tat-Tariffa E:

[6] Enfasi tal-Qorti.
[7] Kif jirriżulta minn *a fol.* 146 tal-proċess allegat mal-atti ta' din il-kawża.
[8] 15.04.2009, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri.

> "Il-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma 'dikjarazzjoni' qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha l-ġurisprudenza fis-sens "... meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess." (**Carmelo Axiak *vs* Avukat Dr Giuseppe Vella et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361). Fil-każ in eżami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjugi Saliba kienu ddikjaraw, fil-parti ntestata 'Likwidazzjoni tas-Serviġi' li l-ammont li kellu jitħallas bħala serviġi kien fis-somma ta' €301,928. Hekk per eżempju fil-kawża **Lawrence Manche *vs* l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et** deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, il-Qorti kkonfermat li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża."

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kif ukoll tal-insenjamenti ġurisprudenzjali ċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li t-taxxa fir-rigward tal-kawża Rikors Maħluf Nru 1030/2006 TA inħadmet b'mod korrett fuq il-valur ta' €50,000 li jirriżulta li kien il-valur mogħti mill-atturi għall-pretensjoni tagħhom.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-atturi.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura a karigu tal-atturi.**

Moqrija.